**22 ta' Ottubru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Maria Agius

**Leġittima Difiża — Art. 237 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-minoranti tal-eċċess tal-leġittima difiża tippostula tabilfors l-istat tal-leġittima difiża, u kwindi ma tistgħax tiġi nvokata din id-difiża meta min jinvokaha kien huwa li aggredixxa l-ewwel; u l-aggressur ma tantx jista' jitlob l-istat ta' leġittima difiża; u lanqas, kwindi, l-eċċess tad-difiża li teżiġi appuntu dak l-istat.*

*Jekk fil-fatt kienx hemm ċirkustanzi ta' biża' u twerwir li jġibu għall-impunità, jiddependi mill-ġudizzju tal-ġudikant skond il-fattispeċje tal-każ.*

Il-Qorti:— Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmulin kontra Maria Agius quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti Istruttorja fuq l-imputazzjoni li f'Ħal-Qormi, fit-30 ta' Ġunju 1960, għal xi nofs inhar, waqt li kienet fir-residenza tagħha, bi strument li jaqta' u bil-ponta, sawtet lir-raġel tagħha li joqgħod f'St. Francis Square, Qormi, u għamlitlu ferita ħafifa skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Alber V. Hyzler, M.D.;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-18 ta' Awissu

1960, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħutin lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex hija tiddeċidi fuq il-ħtija jew ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 235 (1) (2) (4) u 236 (a) tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice No. 337 tal-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-31 ta' Awissu 1960, li biha sabet lill-imputata ħatja ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' żewġha Joseph Agius, kaġunata bi strument li jaqta' u bil-ponta, skużabbli minħabba eċċess ta' leġittima difiża; u lliberatha taħt il-provvedimenti tal-art. 23 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali, u ordnat il-konfiska tas-skieken eżibiti;

Rat ir-rikors li bih l-imputata appellat, u talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hi tiġi dikjarata mhux ħatja u liberata inkondizzjonatament;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputata qegħdha titlob li tiġi dikjarata mhux ħatja in kwantu li hi tippretendi li aġixxiet fi stat ta' leġittima difiża, u li ma eċċedietx il-limiti tal-"moderame", u li għalhekk il-każ tagħha jaqa' taħt l-ineżistenza ta' reat sanċita fl-art. 237 Kod. Kriminali;

Din il-Qorti, wara li qieset il-provi, ma ssib xejn xi tvarja fis-sentenza appellata; u anzi l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-każ, stante l-isfond taċ-ċirkustanzi, b'ċerta doża ta' ġenerożità. Infatti, il-minoranti tal-eċċess tal-leġittima difiża, konċessa mill-Ewwel Qorti, tippostula ta' bilfors l-istat ta' leġittima difiża kif hu evidenti mill-kliem "fil-waqt li tkun taġixxi taħt iċ-ċirkustanzi msemmijin fl-art. 237" kontenuti fl-art. 241 (d) tal-Kodiċi, mentri żewġ l-appellanti anki issa, fl-istadiu tal-appell, meta reġa xehed, bl-iskop evidenti, stante r-rikonċiljazzjoni, li jalleġġerixxi l-piż tal-imputata martu, qal, forsi bla ma apprezza l-importanza tagħhom, il-kliem "x'ħin ħabtet għalija għamilt

għaliha wkoll" — kliem li juru li kienet hi li aggredietu l-ewwel; u l-aggressur ma tantx jista' jitlob l-istat ta' leġittima difiża, u lanqas, kwindi, l-eċċess tad-difiża, li teżiġi appuntu dak l-istat;

Id-difiża semmiet anki l-impunità tal-eċċess konċessa fil-proviso tal-art. 241 (d). Din il-materja, li l-Carrara (Progr. Parte Spec. Vol. I, p. 571) isejjaħ "Impeto di Paura", hi ferm skabruża; u hi aktar tali peress li fil-Kodiċi Tagħna l-impunità hi konċessa mhux fil-każ ta' "spavento", imma anki fil-każ ta' "timore" (ara art. 233 (4) tat-test taljan antik), mentri l-Carrara jagħmel distinzjoni bejn "timore" u "paura" (para. 1331). Aktar tard, dan l-awtur jgħid:— "I giuristi sudarono per cento modi nell' intento di costruire una teorica che definisse i confini dell' eccesso di difesa". Fit-tarf tal-paragrafu 1347, mbgħad, pag. 604, l-illustri penalista jirritorna fuq id-distinzjoni bejn "timore" u "paura", biex jgħid li fil-każ ta' "paura" biss l-eċċess mhux punibbli. Kif ingħad, fil-Kodiċi Tagħna hemm l-alternattiva tas-"sorpresa", tat-"timore" u tal-"paura" (imsejħa din tal-aħħar fil-Kodiċi Malti "spavento"). Iżda, anki b'dan kollu, jibqa' veru dak li jgħid il-Carrara, in konklużjoni, wara li jikkumbatti diversi teoriji li għat-teoriji kollha hemm "difficoltà massima nell'applicarla ai casi concreti, e in ciò il giudice deve molto attendere alle prova congetturale, e servirsi di tutto l'acume della sua critica onde penetrare nel vero stato d'animo dell'agente. Ma presumere di rinchiudere la coscienza del giudice in una serie di regole a cui debba in tale applicazione soggiacere è un accingersi ad opera impossibile, la quale può pervertire, e non mai illuminare, la giustizia pratica" (ibidem para 1348);

Din il-Qorti, fil-fatt preżenti, issib li l-Maġistrat iġġudika sewwa li ma kienx hemm ċirkustanzi ta' biża' jew twerwir li jġibu għall-impunità;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.